



# Persuna li naf sew

Jiena naf ħafna nies, imma l-iktar persuna li naf sew huwa missieri. Missieri jismu Antoine Sciberras. Missieri għandu tmienja u tletin sena. Huwa jagħlaq sninu fid-19 ta' Novembru. Missieri joqgħod l-Imqabba.

Missieri għandu għajnejh kannella kulur il-ħamrija u jleqqu bħal stilla. Xagħru huwa iswed daqs il-faħam u lixx ħafna. Hu twil daqs ġiraffa. Il-karattru tiegħu huwa kalm ħafna. Huwa jaħdem il-bank.

Missieri jħobb jiġġoggja u ġieli jeħodni miegħu. Jien u missieri nħobbu naqraw xi ktieb flimkien u nsuqu r-rota. Missieri ddejqu r-riħa tad-dranaġġ. Missieri jieħu gost meta ngħinu. Jien lil missieri, f'għeluq sninu dejjem nixtrilu xi ħaġa.

L-iktar ġurnata sabiħa li qattajna flimkien hija meta morna l-Playmobil u ħadt sehem f'kompetizzjoni u jien irbaħt. Kemm fraħna. Jien irbaħt *puzzle*.

Jien nammira lil missieri għax qalbu tajba u jħobbni. Jien naf li hu jirrispettani u jagħmel kollox għalija. Missieri jħobbni b'qalbu kollha. Jien nixtieq li missieri jibqa' ma' ommi u ma jiġġieldu qatt. Kemm inħobbu lil missieri!

Kylie Sciberras – 8 snin – Ir-Raba' Sena – L-Iskola Primarja tal-Imqabba